MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 686/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Aaron Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm197.95) rappresentanti bilanc minn prezz dovut mill-konvenut lis-socjeta attrici skond Client Contract number 6285 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Gunju 2003 u Ottubru 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Dicembru 2003 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-11 ta’ Gunju 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm197.95), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Dicembru 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------